

32004R0317

L 55/43

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.2.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 317/2004  
tat-23 ta' Frar 2004**

**dwar l-adozzjoni ta' derogi mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nr 2150/2002 tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill fuq statistiċi dwar l-iskart kif jirrigwarda l-Awstrija, Franza u l-Lussemburgu**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nr 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar statistiċi<sup>(1)</sup> fuq l-iskart, b'mod partikolari l-Artikolu 4<sup>(1)</sup> miġjud fi,

Wara li kkunsidrat it-talba li saret mill-Awstrija fit-30 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula minn Franza fit-12 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula mill-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2003,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nr 2150/2002, derogi minn ċerti disposizzjonijiet ta' l-Annessi ma' dak ir-Regolament, jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni waqt perjodu transitorju.
- (2) Derogi ta' dan it-tip għandhom jingħataw, fuq talba tagħ-hom, lill-Awstrija, Franza u l-Lussemburgu.
- (3) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom<sup>(2)</sup>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Frar 2004.

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

- 1. Id-derogi li ġejjin mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nr 2150/2002 huma hawnhekk konċessi:
  - (a) L-Awstrija ingħatat derogi għall-produzzjoni ta' riżultati li għandhom x'jaqsmu mat-Taqsima 8(1.1), partita 1 (agrikoltura, kaċċa u forestrija) ta' l-Anness I.
  - (b) Franza ingħatat deroga għall-produzzjoni tar-riżultati marbuta mat-Taqsima 8(1.1), partita 1 (agrikoltura, kaċċa u forestrija), 2 (sajd) u 16 (attivitàjet servizzi) ta' l-Annes I u dawk marbuta mat-taqSIMA 8(2) ta' l-Anness II.
  - (c) Il-Lussemburgu ingħata deroga għall-produzzjoni tar-riżultati relatati mat-Taqsima 8(1.1), partita 1 (agrikoltura, kaċċa, u forestrija) u 2 (sajd) ta' l-Annes I.

- 2. Id-derogi previsti fil-paragrafu 1 jingħataw biss rigward *data mill-ewwel sena ta' referenza, jiġifieri l-2004.*

Wara li jiskadi il-perjodu transitorju, l-Awstrija, Franza u l-Lussemburgu għandhom jittrasmu d-data mis-sena ta' referenza, jiġifieri l-2006.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

*Pedro SOLBES MIRA*

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

<sup>(2)</sup> ĠU L 167, tat-9.7.1993, p. 31.